V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8786 — OMERS/DV4/QIA/ABP/Real Estate JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 255/06)

1. Fil-11 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Oxford Jersey Holding Company Limited ("Oxford", Jersey);

— DV4 Limited ("DV4", il-Gżejjer Verġni Brittaniċi);

— Qatari Diar Real Estate Investment Company Q.P.S.C. ("QDREIC", il-Qatar);

— Stichting Depositary APG Strategic Real Estate Pool ("APG", in-Netherlands);

— L-impriża konġunta E1EV LLPs li tikkonsisti minn dawn iż-żewġ sħubijiet b'responsabbiltà limitata: Tribeca Square LLP u East Village London LLP ("E1EV LLPs", ir-Renju Unit);

— L-impriża konġunta E2LG LLPs li tikkonsisti minn dawn it-tliet sħubijiet b'responsabbiltà limitata: Elephant and Castle LLP, Merchant City (Glasgow) LLP u Holbeck Quarter (Leeds) LLP ("E2LG LLPs", ir-Renju Unit);

Oxford, DV4, QDREIC u APG jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' E1EV LLPs u E2LG LLPs permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Oxford: parti mill-OMERS Administration Corporation ("OMERS") Group usa'. OMERS huwa l-amministratur tal-Pjan tal-Pensjoni Primarju tas-Sistema ta' Rtirar tal-Impjegati Munċipali ta' Ontario u l-fiduċjarju tal-fondi tal-pensjoni. OMERS jamministra portafoll globali u ddiversifikat ta' stokks u bonds kif ukoll ta' proprjetajiet immobbli, ekwità privata u investimenti ta' infrastruttura;

— għal DV4: fond ta' investiment immobiljarju;

— għal QDREIC: kumpanija ta' investiment u żvilupp ta' beni immobbli, li hija totalment proprjetà tal-fond ta' investiment sovran tal-Istat tal-Qatar;

— għal APG: depożitarju għal fond ta' investiment li s-sid benefiċjarju aħħari tiegħu huwa Stichting Pensioenfonds ABP, organizzazzjoni tal-amministrazzjoni tal-pensjonijiet li tispeċjalizza fil-qasam tal-pensjonijiet kollettivi fis-settur pubbliku.

— għal E1EV LLPs u E2LG LLPs: il-ġestjoni u l-iżvilupp ta' portafoll ta' assi ta' proprjetà immobbli residenzjali u lill-konsumaturi fir-Renju Unit.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8786 — OMERS/DV4/QIA/ABP/Real Estate JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.